**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 25 ta' Frar 2016**

Rikors Guramentat Nru. 251 / 14RGM

Kawza fil-lista: 11

**A B**
**vs**
**L-Avukat Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil li permezz tad-digriet datat 22 ta' Dicembru 2014 gew nominati kuraturi sabiex jidhru u jiddefendu fl-interess tal-assenti C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**
Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fil-5 ta' Novembru 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Il-kontendenti zzewgu fit-30 ta' Gunju 2012 gewwa r-Registru taz-Zwieg, il-Belt Valletta, Malta. Minn dan iz-zwieg ma twildux tfal.

2. L-intimata irrendiet ruhha responsabbli fil-konfront tar-rikorrenti ta', inter alia, abbandun, vjolenza, eccessi, mohqrija. theddid u offizi gravi; inoltre, il- hajja flirnkien tal-kontendenti ma ghadiex aktar possibbli stante illi z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet unikament imputabbli lill- intimata.

3. Minkejja l-isforzi estenwanti tar-rikorrenti sabiex ma jkollux '1 ghaliex isir dan il-pass, l-intimata wriet non-kuranza assoluta kemm versu r-rikorrenti u kif ukoll versu z-zwieg ta' bejniethom. Kien ghalhekk illi kellhom jittiehdu dawn il-proceduri.

4. Ai termini tad-digriet tal-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) (digriet numru 2054/14 in atti tal-ittra numru 1382/14), ir-rikorrenti gie

debitament awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedi b'din il-kawza. Ghal dan il-ghan, il-kontenut tal-ittra hawn fuq imsemmija gie wkoll debitament konfermat bil-gurament tal-istanti, hekk kif ordnat minn din l-Onorabbli Qorti.

5. Ir-rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Tghid ghalhekk l-intimata 'l ghaliex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u moghtija dawk il-provvedimenti kollha necessarji fic-cirkostanzi tal-kaz, din 1-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-intimata hija unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg odjern, ghal dawk ir-ragunijiet kollha indikati fir-rikors mahluf odjern, jew liema minnhom, u li abbazi taghhom qeghda tintalab il-firda personali bejn il-kontendenti;

2. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti stante r-ragunijiet indikati, jew liema minnhom;

3. Tistabbilixxi d-data meta l-istess intimata ghandha tigi ikkunsidrata illi ikkagunat il-firda bejn il-kontendenti u tapplika in toto jew in parte kontra 1-konvenut, id-dispozizzjonijiet tal-artikoli tmienja u erbghin (48), wiehed u hamsin (51), tnejn u hamsin (52), u tlieta u hamsin (53), tal-Kapitolu Sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess, tenut kont kemm l-attiv u kif ukoll il-passiv tal-istess komunjoni; tillikwida wkoll kull kreditu li r-rikorrenti ghandu kemm versu 1-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll versu l-intimata; sussegwentement tiddividi l-bilanc formanti l-istess komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi sabiex jeffettwaw kull likwidazzjoni necessaria u jipproponu pjan ta' divizjoni;

5. Tassenja l-istess porzjonijiet, wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimata;

6. Tikkundanna lill-intimata, sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din l-OnorabbIi Qorti, tikkonsenja lir-rikorrenti l-oggetti kollha dotali u parafemali tieghu, inkluzi flus u krediti ohra, u fin-nuqqas, tikkundanna lill-istess intimata thallas il-valur tal-istess, bl-opra, occorrendo, ta' periti nominandi sabiex jeffettwaw il-kalkoli necessarji f'dan ir-rigward;

7. Tordna li r-rikorrenti jigi moghti l-piena amministrazzjoni tal-beni dotali u tordna li s-sentenza eventwali ta' din l-Onorabbli Qorti tigi registrata fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li tinsab minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat id-digriet tan-nomina tal-Avukat Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil a fol 20 bhala kuraturi deputati ghall-assenti konvenuta C D.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati a fol 58, li permezz taghha ddikjaraw bil-gurament:

1. Illi huwa l-attur li ghandu l-piz tal-prova u cjoe jrid ikun l-attur li permezz tal-provi mressqa minnu jikkonvinci lil din l-Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attur qieghed jaghmel fil-konfront tal-intimata huma infondati.

2. Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw li m'ghandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant qeghdin jirrizervaw id-drutt li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsir konoxxenti ta' fatti relatati ma' dan il-kaz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-Av Christopher Chircop a fol 69, kuratur tal-assenti konvenuta, li permezz taghha nforma lill-Qorti li ghalkemm baghtilha l-annessa ittra (Dok A) fl-indirizz moghti lilu, minkejja li l-pustiera ghamlu diversi tentattivi sabiex il-konvenuta tinghata l-ittra, l-ittra baqghet ma ngabritx, skont Dok B u C annessi. Ghalhekk, iddikjara li ma ghandux provi xi jressaq quddiem din il-Qorti.

Rat in-nota tal-attur a fol 73 li permezz taghha ddikjara li ma ghandux aktar provi xi jressaq.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kaz, inkluz l-atti tal-medjazzjoni tal-partijiet allegati ai termini ta' digriet ta' din il-Qorti datat 22 ta' Jannar 2015.

Ikkunsidrat;

<u>Provi</u>

Rat l-<u>affidavit tal-attur</u> a fol 8, fejn ta rendikont tal-problemi riskontrati fil-hajja matrimonjali tieghu mal-konvenuta. Fost affarijiet ohra kien hemm il-kwistjoni tas-somma ta' madwar €12,110.01 pretiza mill-genituri taghha, sabiex jissodisfa t-tradizzjoni Tajlandiza u jkun jista` jizzewweg lit-tifla taghhom. Dan ikkrea skontri bejniethom, izda jghid li ddecieda illi jhallashom ghaliex skont ricerka li ghamel minn fuq l-internet dawn kellhom jinghataw lura lill-koppja.

Jghid li wara li zzewgu fis-sena 2012, huwa kien jahdem bla waqfien izda il-konvenuta kienet tbiddel minn xoghol ghal iehor sakemm fl-ahhar huwa assistitha tibda negozju fil-*catering* ta' ikel Tailandiz. Dan ix-xoghol kien jimpenjaha biss xi darbtejn fix-xahar u l-bqija tal-hin hi kienet tqattghu tara t-televixin il-gurnata kollha, minghajr ma ssajjar jew taghmel xejn fid-dar.

Jirrelata wkoll incident ftit qabel Novembru 2013 li fih il-konvenuta bdiet tghajjat mieghu u ssawtu, sakemm ommu u missieru intervjenew biex iwaqqfuha. Wara dan hija marret toqghod ghand sehbitha u ghalkemm hu kien mar ghaliha, hija ma marritx lura mieghu u l-ghada telqet lejn it-Tailandia.

L-attur jghid li kien mar it-Tailandja ma' hutu x-xahar ta' wara u affaccja lill-konvenuta u staqsiha tirritorna Malta, izda hi qaltlu li kellha bzonn ftit zmien biex tahdem gewwa t-Tailandja imbaghad kienet ser tirritorna ghandu.

Minkejja li l-attur kien sikwit jistaqsiha meta ser tirritorna, hija kienet tghidlu li ma tafx, sakemm mill-1 ta' Awwissu 2014, ma sema` xejn izjed minghandha.

Fl-affidavit taghha a fol 18 <u>Chutima Borg</u> tiddikjara illi hija kienet offriet impjieg lill-konvenuta fl-impriza taghha, izda wara tliet xhur kienet irrizenjat.

Omm l-attur, <u>Rita B</u> u huh <u>Johann B</u>, fl-affidavits taghhom a fol 50 u 51 rispettivament jikkoroboraw il-verzjoni tal-attur illi l-konvenuta nbidlet fiz-zwieg, ma kinitx tmid idejha ghal xejn u kienet anke ssawat lill-attur, mentri hu kien jahdem bla nifs sabiex jibdilha l-business taghha.

Fin-nota guramentata tieghu a fol 52, l-attur jissottometti inter alia, illi l-intimata hija unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg taghhom, inter alia, minhabba abbandun, vjolenza, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi, u jiddikjara bil-gurament illi hija telqet minn Malta kif deskritt minnu fl-affidavit fid-9 ta' Novembru 2013. Jghid ukoll li ma ghandu ebda pretensjonijiet sabiex jircievi manteniment u li ghalkemm ma jafx x'introjtu ghandha martu, hija ddekadiet fis-shih minn kwalunkwe dritt ghal manteniment minghandu. Dwar oggetti appartenenti lill-komunjoni tal-akkwistji jsemmi l-vettura <u>tat-tip Toyota Aygo li nxtrat fiz-zwieg</u>, izda hallasha hu wahdu u jixtieq li tigi assenjata lilu. Inoltre, jitlob lura l-ammont ta' €8,477.01 mis-somma li kien hallas lill-intimata u missierha stante li din ma ntuzatx ghat-tieg jew ghal bzonnijiet tal-partijiet.

Fin-nota tieghu a fol 65 l-attur jipprezenta kopja tal-logbook tal-vettura Toyota Aygo Hatchback, u zewg ritratti li jixhdu t-tbengil fuq dirghajh, msemmija fl-affidavits ta' Rita u Johann B.

**Ikkunsidrat**

Ezaminata t-testimonjanza mhux kontestata tal-attur jirrizulta bl-aktar mod car illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-konvenuta, b'mod partikolari minhabba abbandun, vjolenza u eccessi.

L-attur ikkonferma bil-gurament illi l-konvenuta telqet minn Malta b'mod definittiv fid-9 ta' Novembru 2013, u t-tentattivi tieghu sabiex hija tirritorna sfaw inutili. Din hija d-data li fiha l-intimata rrendiet ruhha hatja tat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

L-attur jiddikjara wkoll illi ghajr ghal karozza tat-tip Toyota Aygo bin-numru ta' registrazzjoni RSM-306, ma hemmx assi ohra appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom. In vista tal-abbandun tal-konvenuta, u wkoll tal-fatt li gie ppruvat illi din il-vettura nxtrat unikament minn flus il-hidma tal-attur, din il-vettura ghandha tigi assenjata lill-istess attur.

L-attur jippretendi wkoll ir-rimbors tas-somma ta' €8,477.01. Din tirrapprezenta l-parti mis-somma ta' €12,110.01 imhallsa originarjament lill-genituri tal-gharusa skont it-tradizzjoni Tailandiza, li ma ntuzatx ghat-tieg jew bzonnijiet ohra tal-partijiet.

Din it-talba ma tistax issib akkoljiment minhabba l-fatt illi kif jixhed l-attur stess fl-affidavit tieghu, dawn intalbu lilu mill-genituri tal-konvenuta, specifikament minn Somjit, missierha, u thallsu lill-istess genituri taghha. In mankanza ta' kwalsiasi ftehim f'dan is-sens, ma jistax issa jippretendihom lura minghand il-konvenuta. Dan jinghad minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi dritt iehor li l-attur jista` jkollu ghall-irkupru ta' tali somma.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tiddisponi mir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati u tiddeciedi t-talbiet attrici bil-mod kif gej:-

1. Tilqa` l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenuta hija unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg bejn il-partijiet minhabba abbandun, vjolenza u eccessi.

2. Tilqa` t-tieni talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan minhabba tortijiet esklussivament imputabbli lill-konvenuta.

3. Tilqa’ t-tielet talba u tordna d-dekadenza tal-konvenuta mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u tapplika d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 48, 51, 52 u 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tiffissa d-9 ta' Novembru 2013 bhala d-data li fiha z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser tort tal-konvenuta.

4. Tilqa` r-raba` talba, ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet b’effett mid-9 ta' Novembru 2013.

5. Tilqa` l-hames talba in kwantu tassenja l-vettura tat-tip Toyota Aygo bin-numru ta' registrazzjoni RSM-306 lill-attur.

6. Tichad is-sitt talba.

7. Tichad is-seba` talba.

8. Tilqa` it-tmien talba u tordna li din is-sentenza tigi registrata fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta b’dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**